MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1122/1999/1

**Simone Zammit**
**vs**
**Doreen Portelli u Tarcisio Azzopardi u b 'digriet tat-13 ta' Novembru 2002 giet intervenuta fil-kawza "in statu et terminis" is-socjeta' Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, gja Guardian Royal Exchange PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Doreen Portelli u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2005 is-socjeta' Atlas Insurance Ltd assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoniipprezentata mill-attrici fis-17 ta' Mejju, 1999, li *in forza* taghha, wara li ippremettiet:

Illi fis-26 ta' Settembru 1997 waqt li l-attrici kienet miexja fuq il-bankina f'Tower Street, Msida hija giet milquta u mtajjra mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAD 902

misjuqa mill-konvenuta Doreen Portelli u b'rizultat ta' dan l-incident l-istess attrici sofriet dizabilita' permanenti fuq persunitha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom , u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkernm il-konvenuti gew mitluba jersqu bonarjament ghall-likwidazzzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attrici huma baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk li l-konvenuti jew min minnhom, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-incident tas-26 ta'Settembru 1997 fejn sfat imtajjra l-attrici gara unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linja ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali millum u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 1997 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjetajiet assikuratrici tal-konvenuti ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Azzopardi, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-eccipjent ma kienx reponsabbli ghall-incident de quo;
2. Illi fil-fatt l-eccipjenti semplicement inzerta vicin il-post ta' l-incident, fost nies ohra, u mar jaghti l-ewwel ghajnuna lill-attrici;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti qieghed jikkontesta n-natura tad-danni lamentati;
4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti qatt ma gie interpellat ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni qabel il-prezentata tac-citazzjoni u ghalhekk m' ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri;
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Tarcisio Azzopardi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Doreen Portelli, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. L-ewwel talba tal-attrici - kif dedotta kontra l-eccipjenti – ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort tal-eccipjenti izda gara unikament bi htija tal-konvenut l-iehor Tarcisio Azzopardi;
2. Ghalhekk it-tieni tal-talba tal-attrici - kif dedotta kontra l-eccipjenti - ghandha tkun respinta billi fejn jirrigwarda l-eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici;
3. Per konsegwenza, it-tielet talba tal-attrici - kif dedotta kontra l-eccipjenti - ghandha tkun rigettata ukoll billi ma hemmx lok ghall-kundanna ta' l-eccipjenti ghall-hlas ta' danni lill-attrici;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Doreen Portelli;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu innominat bhala espert mediku lil Mr Carmel Sciberras sabiex jezamina lill-attrici u jirrelata dwar l-eventwali

dizabilita permanenti li setghet sofriet l-attrici fl-incident in kwistjoni bil-fakultajiet kollha soliti inkluz li jisma xhieda bil-gurament.

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Carmel Sciberras minnu ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2002.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2001 li permezz tieghu hatret lit-Tabib George Debono bhala espert psikjatra sabiex jezamina lill-attrici u jirrelata bil-miktub dwar id-dizabilita permanenti li setghet sofriet l-attrici bhala kawza dan dan l-incident bil-fakultajiet kollha soliti inkluz li jisma x-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intervenuti fil-kawza Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhom Doreen Portelli li permezz taghha eccepew :

1. Illi s-sewwieq tal-vettura CAD 902, assigurata comprehensive mal-eccipjenti nomine ma kienitx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi stante li ghal din il-habta 'de quo' kien Tarcision Azzopardi li kien qed isuq il-forklifter b'imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolament tat-traffiku tieghu;
2. Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati kontra l-eccipjenti nomine jew l-assigurat taghhom;
3. Isegwi li la l-eccipjenti u lanqas l-assigurata tieghu ma jistghu qatt jigu kundannati jhallsu ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-intervenuti fil-kawza Atlas Insurance Agency Limited;

Rat ir-rapport ta’ l-espert psikjatra Dr George Debono, liema rapport gie ipprezentat u mahluf minnu waqt is-seduta tas-6 ta’ Mejju 2002.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu hatret lit-Tabib Ivan Esposito, lit-Tabib Joseph Pisani u lill-Avukat Dottor Anthony Ellul sabiex jezaminaw l-atti u r-rapporti kollha s’issa ipprezentati u jirrelataw bil-miktub dwar id-dizabilita permanenti li setghet sofriet l-attrici kemm fizika u kemm mentali b’kawza ta’ dan l-incident bis-soliti fakultajiet inkluz li jisimghu xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali ipprezentat waqt is-seduta tad-19 ta’ April, 2007;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici tat-13 ta’ Frar 2008;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-konvenuta u tal-intervenut fil-kawza Atlas Insurance Agency PLC tat-18 ta’ April, 2008;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuta Doreen Portelli ghan-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici tat-30 ta’ April, 2008;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Carmel Caruana, imsejjah mill-attrici, u qal illi huwa jahdem bhala salesman ma Vivian Corportation u illi fil-gurnata ta’ l-incident in kwistjoni kien qieghed f’Tower Street, Msida fejn ghandhom l-imhazen ta’ Vivian Commercials u kienu qeghdin ihottu container. Il-container kien fuq in-naha l-ohra ta’ l-imhazen u min kien qieghed ihott kien qieghed inizzel l-oggetti minn fuq il-containers. Huwa xehed illi min kien qieghed ihott kien qieghed inizel l-oggetti minn fuq il-container, iqeghdhom fuq pallets u sussegwentement b’xi lifter il-pallets jingarru fil-mahzen u biex isir hekk kellhom jaqsmu t-triq. Fil-hin

ta’ l-incident huwa kien qieghed jitkellem ma min kien qieghed ihott. Caruana kompla jixhed illi ma jafx min kien qieghed ihott ix-xoghol, izda minn dawk li kienu hemm kien hemm certa Tarcisio Azzopardi li kien jafu. F’hin minnhom ra vettura Peugeot 205 li kienet gejja f’Tower Street, Msida u kif qabzet l-entrata ghall-imhazen taghhom raha tiela fuq il-bankina u fuq din il-bankina kien hemm l-attrici. Huwa ra il-vettura tolqot lill-attrici u l-attrici waqghet fuq il-bonnet tal-karozza. Dak il-hin il-vettura nizlet minn fuq il-bankina. Ghalhekk Zammit waqghet ma l-art u hu ra lill-vettura tghaddi minn fuq Zammit kemm bir-rota ta’ quddiem, u kif ukoll bir-rota ta’ wara u dan b’referenza ghar-roti tan-naha tal-lemin tal-vettura. Huwa kompla jixhed illi l-attrici dak il-hin iz-zmien kienet tahdem ma Vivian Commercials bhala salesperson bhalu. Huwa qal illi meta l-vettura ghaddiet minn fuq l-attrici waqfet ‘il boghod minnu qisu t-tul ta’ l-awla. Huwa kompla jixhed illi mar jigri biex jara x’kien gralha l-attrici. Meta gie muri l-iskizz ix-xhud qabel mal-posizzjoni tal-container kif tidher fl-iskizz u qabel ukoll mal-posizzjoni fejn spiccat il-vettura wara l-incident. Caruana kompla jixhed illi jidhirlu illi l-‘forklifter’ kien qieghed jigi operat dak il-hin minn Tarcisio Azzopardi, wiehed mill-konvenuti. Huwa ma kienx jaf jekk fil-hin ta’ l-incident il-forklifter kienx qed jigi operat. Huwa ikkonferma illi fil-hin ta’ l-incident kienu ghadhom qed ihottu il-container. Ix-xhud qal illi l-forklifter jimxi b’lura waqt li jkun qieghed jinhatt il-container, umbaghad jidhol bil-quddiem ghal gol-mahzen bil-merkanzija. Il-forklifter l-ewwel imur lura lejn Triq Zaminoff, jew ahjar imur iktar lura f’Tower Street, umbaghad jidhol bil-quddiem gol-mahzen. Caruana xehed illi jafx ezattament fejn kien il-forklifter fil-hin li gara l-incident, izda ikkonferma li l-vettura Peugeot telghet biz-zewg roti taghha tan-naha tal-lemin fuq il-bankina. Caruana xehed illi setgha kien illi l-forklifter dak il-hin kien qieghed fl-imhazen. Pero’ jista jkun li kien qieghed jistenna biex jghabbi l-pallet. Generalment il-forklifter jistenna fit-tarf tal-container sakemm jghabbu l-pallet kollha. Caruana kompla jixhed illi ma semghax breaks u lanqas hoss ta’ horn. Huwa qal illi beda jghajjat “ieqaf, ieqaf” u beda jindirizza ruhu lejn ix-xuffier tal-vettura illi qal li kienet ghaddejja bi speed normali.

Illi Frank Bezzina xehed illi fil-hin ta’ l-incident kien jahdem bhala stores and personnel supervisor mas-socjeta’ Vivian Commercials u kien qieghed fid-dahla ta’ l-istores. Huwa ikkonferma li dak il-hin ix-xoghol tal-hatt tal-containers kien wieqaf u dak il-hin huma jghabbu l-vannijiet taghhom, idahhlu fil-parti ta’ quddiem ta’ l-imhazen il-vannijiet taghhom u jghabbuhom biex johorgu x-xoghol u ghalhekk il-hatt tal-container kien ilu wieqaf. Huwa xehed illi kien hu stess li ta l-ordni lil Tarcisio Azzopardi li kien qieghed jopera l-forklifter sabiex jieqaf il-hatt tal-container. Ix-xhud qal illi semgha lil Caruana jghajjat “oj, oj, oj” u kullhadd hareg biex jara x’kien gara u dak il-hin ra vettura ipparkjata f’nofs it-triq u lill-attrici mixhuta ma l-art fit-triq wara l-karozza. Marru icemplu u giet l-ambulanza fuq il-post. Frank Bezzina kompla jixhed illi Tarcisio Azzopardi kien qieghed bil-wieqfa fit-triq wara l-container ikellem lil xi hadd fil-container u l-forklifter kien qieghed imdahhal fin-naha ta’ wara tal-container.

Illi xehed Vanni Cremona, financial controller ma Vivian Corporation u ipprezenta l-FS3s relattivi ghall-attrici ghas-snin mill-1996 sas-sena 2000 u dawn id-dokumenti gew esebiti f’dawn l-atti. Huwa xehed illi l-attrici kienet tiehu salarju baziku oltre il-commissions u xehed ukoll illi fiz-zmien ta’ l-incident l-attrici kienet tmexxi foodstuffs, izda issa qeghda tmexxi cosmetics u jista jkun illi hemm differenza fil-commission li tithallas ghar-rigward ta’ foodstuffs u dik li tithallas ghar-rigward ta’ cosmetics.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-attrici ittiehdet l-isptar wara l-incident u kellha fracture fil-pelvis u f’partijiet ohrajn ta’ gisimha. Inoltre kienet qeghda issofri minn xokk. Kellha bzonn ta’ diversi operazzjonijiet sabiex titnaddaf il-ferita u kellha bzonn ukoll il-fizjoterapija u ghamlet zmien tuza il-krozzi.

Illi irrizulta illi l-introjtu ta’ l-attrici naqas wara l-incident in kwistjoni peress illi ma baqghetx tahdem fis-sezzjoni tal-foodstuffs, izda bdiet tahdem fis-sezzjoni tal-makeup. Il-commission li kienet tiehu ghall-foodstuffs kien ta’ cirka mitt lira fix-xahar u gieli anke mija u ghoxrin lira fix-xahar u

l-commission ghal dawk li jahdmu fil-makeup hija ta' hamsin fil-mija tal-commission illi jiehdu dawk li jahdmu fil-foodstuffs.

Illi l-attrici xehdet illi fis-26 ta' Settembru 1997 giet imtajjra minn vettura waqt li kienet miexja fuq bankina u bhala konsegwenza ta' hekk hajjitha imbiddlet mill-lejl ghan-nhar. Hija spjegat illi kienet harget mill-ufficju ta' Vivian Commercial li tinsab f'Tower Street Msida u kienet fuq il-bankina miexja fid-direzzjoni tal-vettura taghha meta laqtitha karozza minn wara u sabet ruhha l-isptar tiddilirja u korruta serjament. Wara saret taf li l-vettura li laqtitha kellha n-numru tar-registrazzjoni CAD 902 u kienet misjuqa mill-konvenuta Doreen Portelli. Hija xehdet illi ghadha thoss trawma kbira ghaliex tiftakar fl-ugigh fiziku u mentali illi gabilha l-incident u li ghadha isofri l-konsegwenzi tieghu sal-lum. Hija tqum bil-lejl mugghuha, tohlom ikrah, it-tobba qalulha li trid titghallem tghix bl-ugigh u minhabba l-incident spiccat b'dizabbilita permanenti u bil-fors trid tuza bastun biex timxi. L-attrici xehdet illi sofriet griehi f'rasha, ksur fil-pelvis u fil-fibula u severe friction burns f'sqajha t-tnejn. Hija qalet illi kellha wkoll gerha fonda madwar l-ghaksa il-leminija u legamenti u muskoli mcarrtin. Din l-ahhar gerha kienet infettat ruhha u kellha bzonn tnax il-operazzjoni taht loppju generali sabiex titnaddaf il-gerha peress illi kien hemm periklu li tinqatalha saqajha. L-attrici xehdet illi ghamlet tlett gimghat marbuta mas-sodda bil-weights u bil-pins u kienet tbaghti minn ugigh insopportabbli u illum apparti l-ugigh isofri wkoll minn anxiety attacks. Hija xehdet illi damet xahrejn u nofs l-isptar u fl-operazzjonijiet li sarulha saritilha wkoll skin grafting. L-attrici xehdet illi meta sehh l-incident kellha 43 sena. Meta harget mill-isptar kienet f'wheelchair u ghalhekk kellha tmur ghand ohtha. L-attrici kompliet tghid illi sofriet u ghadha isofri hafna spejjez medici u fil-fatt esebit prospett ta' l-ispejjez li sofriet bl-ircevuti relattivi. Ghamlet ukoll zmien twil ma tahdimx wara l-incident u bdiet taqla hafna anqas. B'hafna physiotherapy u ghajnuna mill-familjari hadet sahhitha bil-mod, bdiet tuza l-crutches minflok il-wheelchair. Hija xehdet illi damet tmur l-outpatients ta' l-isptar San Luqa ghal sena u wara li damet xhur tghix ghand ohtha marret

lura id-dar taghha, izda xorta wahda il-familjari taghha ikkollhom jghinuha fil-facendi tad-dar u iwassluha regolarment ghall-physiotherapy. Wara tlettax il-xahar marret lura ix-xoghol u l-employers taghha sabulha xoghol iehor ta' natura hafifa u ghalhekk minflok baqghet fit-taqsima ta' l-ikel bdiet tahdem fit-taqsima tal-makeup. Hija xehdet illi kienet waslet biex tiehu vettura tal-kumpannija, aktar petrol allowance u zieda fil-persentagg tal-commission fuq il-bejgh. Ix-xoghol taghha kien zdied meta espandiet id-ditta u minn zmien ghal zmien kienu qed jaghtuha ditti godda tal-prodotti ta' l-ikel ta' ditti ewlenin. Kienet tahdem bis-sahra u taqla sew u ghalhekk kienet tghix hajja komda u indipendenti. Izda kollox inbiddel wara l-incident u tilfet hafna mill-commission li kienet taqla, tilfet il-company car, il-petrol allowance, tnaqqsilha l-opportunita ta' promotion, tnaqqsitilha wkoll il-job security, u tnaqqsulha il-fringe benefits u opportunitajiet ta' xoghol ma kumpanniji ohrajn, kif ukoll mal-kumpannija fejn tahdem. Hija xehdet illi illum il-gurnata hija klassifikata bhala persuna b'dizabbilita, ghandha karta ta' l-identita specjali ghas-sewqan, karta blu ghall-parking u parking reservat quddiem id-dar. Hija xehdet illi ma tistax tilbes zraben normali u ma tistax tpoggi u toqghod bil-wieqfa ghal zmien twil. Hija xehdet illi jkollha tilbes qliezet, jew tbielet twal biex tghatti id-disfigurement ta' f'riglejha t-tnejn u jkollha tuza bastun. Sal-lum il-gurnata ghad ghandha discharge mill-griehi tal-ghaksa il-leminija u ghandha bzonn kura medika u ma ghadhiex tista taghmel l-attivita fizika illi kienet imdorrija taghmel qabel l-incident. Sabiex taccetta din is-sitwazzjoni kellha tmur ghand il-psikjatra Dr Peter Muscat u ghand tal-Caritas.

Ikkunsidrat :

Illi l-espert mediku innominat mill-Qorti Mr Carmel Sciberras ikkonkluda illi l-attrici qeghda isofri minn disabilita ta' 33%.

Illi l-espert psikjatriku Dr George Debono mahtur mill-Qorti ikkonkluda illi l-attrici qeghda tbaghti minn disabilita ta' 50%.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet il-konvenuta Doreen Portelli illi qalet illi dakinhar kienet qeghda issuq il-vettura Peugeot 205 u fil-karozza maghha kellha tarbija ta' xahrejn li kienet fuq car seat fuq wara. Hija xehdet illi kienet gejja mill-poliklinika u meta gara l-incident kienet sejra lura id-dar taghha u kienet ghaddejja minn Triq Zaminoff u riedet idur ghal Tower Street li hija one way. Hija xehdet illi harset fuq in-naha tal-lemin, rat li ma kienx hemm traffiku gej, izda rat container miftugh f'Tower Street fuq in-naha tax-xellug taghha. Hija giet murija l-isketch u qalet illi l-container ma kienx qieghed kif inhu muri fl-isketch, imma kien aktar lejn it-triq minn fejn kienet hierga hi. Hija rat ukoll xi nies li kienu qeghdin fuq il-bankina u taf li dawk in-nies kienu qeghdin jahdmu mal-container, kienu qeghdin jghabbu jew ihottu il-container. Il-konvenuta xehdet illi Triq Zaminoff, it-triq li kienet hierga minnha hija triq sekondarja u Tower Street hija triq primarja. Meta daret ghal go Tower Street u kienet qeghda tghaddi biswit il-container, f'daqqa wahda rat forklifter gej ghal fuqha fuq in-naha tal-xellug taghha. Dak il-hin kienet ghadha ma qabzitx il-container, imma kienet ghaddejja biswitu. Hija xehdet illi l-forklifter kien gej b'lura u kien gej ghal fuqha u kien mghobbi bil-kaxxex. Hija xehdet illi l-forklifter kien sejjer lura biex jidhol fil-garage tal-Vivian Commercial Stores, li huma indikati fuq l-isketch u meta rat il-forklifter gej ghal fuqha gibdet ghal fuq il-lemin taghha u hemm hekk il-bankina hija catta u dejqa u kien hemm l-attrici ghaddejja minn fuq din il-bankina. Il-konvenuta xehdet illi ma telghetx fuq il-bankina, izda laqghtet lill-attrici bin-naha ta' quddiem tal-karozza taghha. Il-konvenuta kompliet tixhed illi hija ma ratx lill-attrici hlief wara li laqtitha peress illi l-attrici waqghet fuq il-bonnet tal-karozza taghha. Kif rat hekk il-konvenuta xehdet li intilfet minn sensiha u sabet lilha innifisha l-isptar. Mistoqsija x'kienet il-velocita taghha il-konvenuta xehdet li bil-kemm kienet qeghda ticcaqlaq u forsi kienet ghaddejja b'xi ghaxar mili, jew ghaxar kilometri fis-siegha. Hija xehdet ukoll illi sa fejn taf hi ma hemmx stop sign minn fejn kienet hierga hi.

Illi in kontro-ezami il-konvenuta xehdet illi rat in-nies mal-container, izda ma tistax tispecifika x'kienu qeghdin jaghmlu. Hija xehdet illi meta rat il-forklifter l-ewwel darba kien hafna inqas minn nofs it-tul ta' l-awla boghod minnha. Il-konvenuta kompliet tghid illi hija rat lid-driver tal-forklifter minn wara.

Illi xehed il-konvenut Tarcisio Azzopardi u qal illi dakinhar ta' l-incident kien qieghed jahdem bil-forklifter, kien qieghed ihott container u idahhal il-merkanzija mill-container fl-istores ta' Vivian Commercials. Kien hemm ukoll zewg haddiema ohrajn ihottu il-container u dawn kienu fuq il-container, filwaqt li hu kien qieghed idahhal il-merkanzija fil-forklifters fl-istores. Azzopardi xehed illi meta gara l-incident ma kienx qieghed jahdem bil-forklifter u il-forklifter kien ipparkjat in-naha ta' wara tal-container mal-bankina. Hu kien qieghed hdejn il-forklifter meta semgha it-twerzieq u mar jara x'gara u sab li kienet intlaqtet l-attrici. Azzopardi ikkonferma illi ra l-vettura ghaddejja qabel ma sehh l-incident u xehed illi l-vettura kienet ghaddejja b'mod normali. Azzopardi kompla jixhed illi huwa ma rax pulizija fuq il-post u ikkalkula illi l-container kien qieghed ipparkeggjat xi erbaghtax il-pied 'il boghod mill-kantuniera. Il-container kien biz-ziemel b'kollox. Azzopardi xehed illi l-konvenuta Portelli ma qalitx il-verita meta xehdet x'kien qieghed jaghmel hu fil-hin ta' l-incident u rega' ikkonferma li l-forklifter kien ipparkjat wara l-container.

Illi xehed Jeffrey Azzopardi in-neputi tal-konvenut Tarcisio Azzopardi u qal illi dakinhar huwa kien qieghed fil-container. Huma kienu waqfu mix-xoghol u l-konvenut Tarcisio Azzopardi kien qieghed jistrieh mal-forklifter meta sehh l-incident. Jeffrey Azzopardi kompla jixhed illi f'hin minnhom sema storbju u sema lil Frankie, l-istore keeper issejjah ghall-ghajnuna u meta ittawwal ra mara mixhuta ma l-art. Il-mara kienet boghod minnu it-tul ta' l-awla u kienet qeghda mixhuta ma l-art f'nofs it-triq. Jeffrey Azzopardi ikkonferma li fil-hin ta' l-incident il-forklifter kien qieghed ezatt mal-container bil-frieket iharsu lejn il-container. Jeffrey Azzopardi kompla jixhed illi huma baqghu jahdmu wara l-incident xi siegha u nofs u sa fejn

jaf hu huwa il-pulizija ma gewx fuq il-post dakinhar ta' l-incident. Aktar tard Jeffrey Azzopardi ikkorrega x-xhieda tieghu u qal illi l-mara li kienet mixhuta ma l-art kienet boghod minnu mhux it-tul ta' l-awla tal-Qorti, izda xi tletin pied.

Illi xehed Alfred Azzopardi, hu l-konvenut Tarcisio Azzopardi u xehed illi meta sehh l-incident il-konvenut Tarcisio Azzopardi kien mal-bieba tal-container fuq in-naha ta' wara tal-container u hu kien fuq in-naha ta' gewwa tal-container u ghalhekk ma rax kif sehh l-incident.

Illi xehed Spiridione Manicaro illi kien qieghed jahdem fuq il-container meta gara l-incident in kwistjoni. Huwa qal li ma nizilx mill-container u ghalhekk ma jafx kif gara l-incident. Manicaro xehed illi fil-hin ta' l-incident il-forklifter ma kienx qieghed jahdem ghaliex ma kienux ghadhom imlew il-pallet. Manicaro xehed illi meta gara l-incident sema l-ghajjat, izda baqa fil-container u ma nizilx. Manicaro ikkonferma li Tarcisio Azzopardi ma kienx fil-container, imma kien barra.

Ikkunsidrat :

Illi l-Periti Addizzjonali ikkonkludew illi l-attrici ghandha dizabilita permanenti ta' 50% u dan wara li ikkunsidraw ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-izvantaggi b'rizultat tad-dizabilita.

"Illi fil-fehma taghhom wiehed irid jibbaza id-decizjoni fuq dawn il-konsiderazzjonijiet :

(a) Il-griehi gravi li sofriet l-attrici fl-incident, li jinkludu :
(i) Is-sieq tax-xellug hija iqsar minn dik tal-lemin;
(ii) Cikatrici f'diversi partijiet ta' gisimha.
(iii) Il-gog ta' l-ghaksa tal-lemin spicca ghal kollox
(iv) Scoljozi fix-xewka tad-dahar;
(v) Pelvis li ma baqax ta' l-istess wisa'.

(b) Il-mod kif dan l-incident biddel il-hajja ta' l-attrici mil-lejl ghan-nhar. L-attrici kienet persuna attiva hafna u ma kenitx tbaghati minn problemi fizici u wisq anqas psikici.

Mill-incident izzappap, taghmel uzu minn bastun, ma tistax taghmel hin twil bil-wieqfa.
(c) Il-fatt li l-attrici kellha prospetti sbieh hafna fil-karriera taghha u kellha mpjieg tajjeb. Sfortunatament minn meta sehh l-incident dan kollu sfuma fix-xejn. Ghalkemm l-attrici baqghet tahdem, m'avvanzatx fil-karriera taghha u anzi l-incident kellu effett negattiv ukoll fuq id-dhul finanzjarju taghha. M'hemm l-ebda dubju li ghall-attrici l-incident fisser nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u inqas qliegh ghaliha. Sahansitra in-natura tax-xoghol taghha kellu jinbidel u nghatat xoghol iktar hafif. Mill-provi jirrizulta li dan il-bdil wassal ukoll ghal telf ta' beneficcji finanzjarji li kienet intitolata ghalihom. (Ara fol. 85 tal-process). Bla dubju ta' xejn qabel l-incident l-attrici kellha l-kapacita' u anke l-potenzjal li tokkupa ruhha f'attivitajiet ta' qliegh ahjar. Dan apparti l-fatt li l-effetti psikici li halla fuqha dan l-incident ikrah naqsilha wkoll minn din il-kapacita'.
(d) Id-diversi problemi fizici li ghadha ssofri minnhom u fil-futur ghad trid tbaghati iktar konsegwenzi. Mill-aspett fiziku m'huwiex mistenni li jkun hemm xi miljoramenti imma iktar konsegwenzi negattivi ghall-attrici. Fil-fatt minn meta l-attrici giet ezaminata mill-perit mediku Mr. Carmel Sciberras, (l-ezami sar fit-2 ta' Novembru 2000 fol. 154) il-kundizzjoni fizika taghha ppeggorat.
(e) Il-miljorament li ghamlet l-attrici mill-aspett psiko-socjali miz-zmien li giet ezaminata minn Dr. George Debono, u l-problemi li ghad ghandha minkejja li ghaddew kwazi disgha (9) snin mid-data ta' l-incident. Dan apparti fatturi ohra bhal li mid-data ta' l-incident sarulha xejn inqas minn tnax-il operazzjoni. Jirrizulta li min-naha ta' l-attrici ghamlet sforz u fittxet l-ghajnuna biex tikkura ruhha.

huma ta' l-opinjoni li l-attrici ghandha dizabilita' permanenti ta' hamsin fil-mija (50%). Dan wara li kkunsidraw ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-izvantaggi b'rizultat tad-dizabilita'."

Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet illi ghalihom waslu l-Periti Addizzjonali minnha mahtura il-

Qorti tiddikjara illi qeghda taddotta r-relazzjoni taghhom u taghmilha bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi dwar ir-responsabbilita ta’ l-incident in kwistjoni il-Qorti rat illi mill-provi irrizulta illi bid-daqqa illi l-konvenuta tat lill-attrici l-attrici spiccat fuq il-bonnet tal-vettura tal-konvenuta u spiccat fl-art fit-triq b’distanza ta’ 27 metru boghod mill-kantuniera minn fejn kienet hierga il-konvenuta. Irrizulta wkoll illi l-vettura tal-konvenuta ghaddiet minn fuq l-esponenti x’hin waqghet fl-art u waqfet f’distanza ulterjuri ta’ 3.5 metri minn fejn l-attrici spiccat fit-triq. Fil-punt fejn l-attrici spiccat fit-triq kien hemm distanza ta’ 1.3 metri bejnha u l-bankina fuq liema kienet miexja qabel gara l-incident.

Illi dan kollu jirrizulta mill-isketch esebita mill-Ispettur Stephen Gatt, kif ukoll mill-okkorrenza u d-distanzi hemm indikati li jikkoncernaw lill-attrici ma gew kontradetti minn hadd.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-ezami tal-konvenut Azzopardi u tax-xhieda minnu prodotti u rat illi l-verzjoni tieghu hija l-aktar wahda plawsibbli u dana anke ghaliex fl-okkorrenza meta l-konvenuta Portelli kelmet lill-pulizija hija bl-ebda mod u fl-ebda istanza ma qaltilhom illi l-incident gara minhabba l-forklifter. Hija qaltilhom illi t-trailer kien ipparkjat fil-kantuniera u biex tevita li ma tidholx fit-trailer meta harget ghal Tower Street biex tevita t-trailer accidentalment laqtet lill-attrici. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fit-3 ta’ Lulju 2003 minn din il-Qorti fl-ismijiet “Joseph Perici Calascione noe vs Sergio Farrugia” fejn il-Qorti qalet li fil-kamp tal-provi fir-rigward ta’ responsabilta ghall-accidenti tat-traffiku, meta l-provi huma minimi, r-rapport tal-Pulizija jassumi importanza massima.

Illi l-Qorti tara illi ex PS429 Mark Schembri ma giex mharrek minn l-istess konvenuta Portelli dwar dak li huwa nizzel fir-rapport.

Illi irrizulta wkoll illi l-konvenuta Portelli kellha tarbija fis-seat ta' wara u illi ippanikjat meta rat il-fork lifter. Il-konvenuta ma kellhiex vizwali tajba meta giet biex tohrog ghal Tower Street u kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Alfred Attard vs Carmel Grima" deciza fil-25 ta' April 2008 fi blind corners is-sewwieq ta' vettura ma jridx jghaggel qabel ma jiehu l-prekawzjonijiet necessarju u jdoqq il-horn.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Manwel Micallef vs Stephen Spiteri" deciza mill-Qorti tal-Appell Citazz Nru 1425/93 illi kien minnu li l-attur kien qed isuq fi triqtu u ghad-dritt, izda ebda xufier ma ghandu jqieghed lilu nnifsu fis-sitwazzjoni, bhala sfortunatament ghamel l-attur, li rinfaccjat b'xarabank quddiemu u mbeghda certa distanza minnu, li ma jkunx f'qaghada li jibbrejkja u jwaqqaf tempestivament l-istess vettura. Sakemm ma nghidux li l-manuva kienet wahda vjetata jew li ggorr maghha responsabbilta awtomatika li mhux il-kaz ma nistghux nghidu li l-konvenut ghamel xi haga hazina.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "John Farrugia vs Edmond Camilleri" Appell Civili Inferjuri deciz fid-9 ta' Mejju 2007 il-Qorti qalet illi sewwieq hiereg minn triq laterali ghandu d-dover li jirrallenta s-sewqan tieghu u jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ohra ma tkun resqa lejh, sija mil-lemin jew mix-xellug tieghu. In-nuqqas ta' osservanza ta' dan id-dmir ghandu ragonevolment jittraduci ruhu f'responsabilita ghal kull eventwali skontru li jista jsehh anke jekk ghal fini ta' stharrig il-grad ta' din ir-responsabilita jista jvarja skond il-fattizzi partikulari tal-kaz.

Illi irrizulta mill-provi illi l-konvenuta tilfet kompletament il-kontroll tal-vettura taghha.

Illi huwa principju accettat fis-sistema taghna illi meta sewwieq jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u jispicca n-naha l-ohra tat-triq bhal fil-kaz odjern din hija prova indizjarja ta' sewqan hazin u dana peress illi sewwiq huwa mistenni li f'kull waqt jkollu l-vettura taht il-kontroll tieghu (Vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Untours Insurance

Agency Limited noe et vs Etienne Saliba et deciza fid-29 ta' Jannar 2004).

Illi wkoll meta vettura titla fuq bankina u twegga persuni li jkunu qeghdin fuq dik il-bankina dawn il-fatturi fin-nuqqas ta' spjegazzjoni plawsibbli jikkostitwixxu prova ta' negligenza (Vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Francis Ciappara vs Richard Borg tat-28 ta' Mejju 2003)

Illi ghalkemm il-konvenuta tghid illi hija telghet fuq il-bankina bil-konsegwenza li tghajjret lill-attrici ghaliex il-forklifter saq bir-reverse ghal fuqha x'hin kienet ghaddejja minn hdejh, dan ma gie ippruvat bl-ebda mod.

Illi hija biss il-konvenuta illi tat din il-verzjoni, liema verzjoni ma giet ikkolloborata minn l-ebda xiehda jew prova ohra.

Illi inoltre meta l-konvenuta dahlet f'Tower Street hija xehdet hi stess illi rat illi kien hemm nies fuq il-bankina u rat ukoll nies jahdmu mal-container. Hija xehdet illi tghaddi ta' spiss minn Tower Road, dik hija t-triq taghha u taf li hemm hekk ikun hemm nies regolarment qeghdin jahdmu fuq il-containers.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-konvenuta li kienet hierga minn triq sekondarja ghal go triq principali u f'liema triq kien hemm xogholijiet u attivitajiet ghaddejjin li setghu kienu ta' ostakolu ghaliha ma kienitx qeghda issuq bl-attenzjoni u prudenza mehtiega.

Illi ghalhekk din in-nuqqas ta' deligenza iwassal ghall-colpa prezuntiva imsemmija fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi prova ohra ta' din in-nuqqas ta' deligenza u prudenza minn naha tal-konvenuta hija l-istqarrija taghha stess illi qabel l-incident ma kienitx rat lill-attrici miexja fuq il-bankina, izda xehdet illi ratha biss wara li laqtitha peress illi l-attrici waqghet fuq il-bonett tal-vettura taghha.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonkludi illi kienet il-konvenuta illi kienet responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici qeghda titlob kemm lucrum cessans, kif ukoll damnum emergens.

Illi fir-rigward tal-lucrum cessans l-artikolu 1045( 1) tal-Kodici Civili jghid illi ghar-rigward danni, l-Qorti trid tiehu s-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

Artikolu 1045 (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem totali jew parzjali li dak l-eghmil seta' jgib.

Illi in linea ta' principju jinsab enuncjat li "hu mprexxinibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza" (kollez. Vol. XLIV P1 p343).

Illi ghar-rigward tal-quantum tad-danni taht il-kappa ta' lucrum cessans, jirrizulta li l-attrici kellha 43 sena meta sehh l-incident, u kellha dhul gross elfejn sitt mija u hames liri Maltin u sitt centezmi (LM2605.06c) fis-sena.

Illi fl-istat attwali tal-izvilupp gurisprudenzjali nostran gudikant m'ghandux ghalfejn jaqa fuq il-kriterju ekwitattiv - arbitrio boni viri cioe li jiffissa somma ex aequo et bono minghajr kriterju specifiku, meta bil-ghajnuna ta' metodu prattikabbli giet mill-Qrati taghna stabbilita formula dwar il-kalkolu ta' kumpens jew somma ghad-danni sofferti. Dan kif intqal fis-sentenza "Michael Butler vs Peter Christopher Heard" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1967, izda xorta wahda il-magini tal-attitudni diskrezjonali dejjem hija

f'idejn il-gudikant (vide Bugeja vs Borg deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 1983).

Illi din id-diskrezzjoni giet adoperata fil-kaz tal-multiplier (vide sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "Kevin Agius vs Colin Murphy" tat-23 ta' Marzu, 1990) billi il-multiplier ma baqax marbut mal-massimu ta' ghoxrin (20) sena "working life expectancy" kif ukoll fir-rigward tal-"lump sum percentage deduction" (vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Mark Caruana vs Grazio Camilleri" tal-5 ta' Ottubru, 1993).

Illi ghalkemm fil-fissazzjoni tal-multiplier wiehed m'ghandux minn naha l-ohra, jadotta l-"maximum working life expectancy" wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni c-"chances and changes of life" (Vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Karen Zimelli v Michael Sammut" tal-15 ta' Gunju 1993, fejn il-Qorti qalet li "ma jidhriliex li ghandha tkun marbuta ma xi massimu stabbilit sal-lum li fl-ahhar mill-ahhar hu dejjem arbitrarju u opinjonistiku." Fic-cirkostanzi izda l-Qorti thoss li ghandu jigi adottat l-maximum working life expectancy ghar-rigward tal-multiplier.

Illi stabiliti dawn il-principli d-danni ghandhom ikunu dawk fil-kalkolu kif gej :

Meta sar l-incident fis-sena 1997 l-attrici kellha paga gross ta' erbat elef seba mija (LM4700) mentri fis-sena 2000 kellha paga gross erbat elef mitejn erbgha u tletin lira u wiehed u sebghin centezmu (LM4234.71c) u ghalhekk hija qalghet seba mija hamsa u sittin lira Maltin u disa u ghoxrin centezmu (LM765.29c) anqas fis-sena 2000. Illi fis-sena 1999 l-qliegh taghha kien ta' tlett elef sitt mija hamsa u hamsin lira u sbatax il-centezmu (LM3655.17) gross u fis-sena 1998 dan kien tlett elef erba mija u erbaghtax il-lira Maltin u centezmu (LM3414.01c).

Illi l-attrici kellha 43 sena meta sehh l-incident u ghalhekk il-multiplier applikabbli huwa fuq firxa ta' 20 sena tenut kont tal-fatt illi l-eta pensjonabbli hija ta' 63 sena u mhux ta' 61 sena wara ir-riforma fil-pensjoni.

Illi l-introjtu annwu baziku tal-attrici ser jitqies li huwa ta' erbat elef lira Maltin (LM4000), b'dan pero li bhala medja il-Qorti sejra tiehu s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira (LM4500) li jinkludi fih l-kummissjoni li l-attrici tilfet minhabba dan l-incident (vide sentenza tal-Qorti ta' Appell fl-ismijiet "Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited" deciz fil-25 ta' Frar, 2005).

Illi d-dizabilita illi l-attrici sofriet hija ta' 50%. Il-lump sum payment ser ikun ta' 20%. Dan kollu ifisser li l-ammont ta' danni dovuti lill-attrici ser ikun kif gej :

LM4500 x 20[1] x50% disabilita -[2] 20% tnaqqis mill-hlas f'daqqa.

Illi bhala damnum emergens l-attrici esebit a fol. 95 prospett tal-ispejjez inkorsi bl-ircevuti annessi li jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija tmienja u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM1358.82c) u a fol.178 sa fol. 186 tal-process esebiet aktar ircevuti li jammontaw ghal tmien mija u wiehed u sittin lira (LM861). B'hekk it-total dovut fir-rigward ta' damnum emergens huwa ta' elfejn mitejn u disa u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin (LM2259.82c).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej :

Billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Azzopardi, tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doreen Portelli u tirrispingi wkoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhom Doreen Portelli u tilqa t-talbiet kollha attrici u fir-rigward tat-tieni talba attrici tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' hames telef mitejn u tlieta u sittin euro u sitta u disghin euro centezmu (€5,263.96) ekwivalenti ghal elfejn mitejn disa u hamsin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Dicembru, 2008
[2] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Dicembru, 2008

(LM2,259.82) in kwantu ghal damnum emergens, u fis-somma ta' tlieta u tmenin elf tmien mija u sebgha u hamsin euro u erbgha u erbghin euro centezmu (€83,857.44)[3] ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tletin elf lira Maltin (LM36,000)[4] in kwantu ghal lucrum cessans sabiex b'hekk l-ammont totali likwidat bhala danni dovuti lill-attrici huwa ta' disa u tmenin elf mija u wiehed u ghoxrin euro u erbghin euro centezmu (€89,121.40)[5] ekwivalenti ghas-somma ta' tmienja u tletin elf mitejn u disa u hamsin lira u tnejn u tmenin centezmu (LM38,259.82)[6] u konsegwentement fir-rigward tat-tielet talba attrici tikkundanna lill-konvenuta Doreen Portelli sabiex thallas is-somma ta' disa u tmenin elf mija u wiehed u ghoxrin euro u erbghin euro centezmu (€89,121.40)[7] lill-attrici;

Il-konvenut Tarcisio Azzopardi qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuta Doreen Portelli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Dicembru, 2008
[4] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Dicembru, 2008
[5] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Dicembru, 2008
[6] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Dicembru, 2008
[7] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Dicembru, 2008